Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0132(COD)

17.10.2025

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż terz sikur"
(COM(2025)0259 – C10-0088/2025 – 2025/0132(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Lena Düpont

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 13

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta’ “pajjiż terz sikur”
(COM(2025)0259 – C10-0088/2025 – 2025/0132(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0259),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 78(2), punt (d), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0088/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0000/2025),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Fil-valutazzjoni ta' jekk pajjiż terz jissodisfax il-kundizzjonijiet biex jitqies bħala pajjiż terz sikur għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2024/1348, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jqisu jekk dak il-pajjiż huwiex inkluż f'lista tal-Unjoni jew f'lista nazzjonali ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri, kif imsemmi fl-Artikolu 61 ta' dak ir-Regolament. L-inklużjoni ta' pajjiż f'tali lista tista' tikkostitwixxi indikazzjoni rilevanti tas-sitwazzjoni ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem u l-istabbiltà f'dak il-pajjiż. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-applikant ikollu aċċess effettiv għal protezzjoni effettiva f'dak il-pajjiż terz f'konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement u mar-Regolament (UE) 2024/1348.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-eżistenza ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur ma hijiex meħtieġa mid-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati, b'mod partikolari l-Konvenzjoni ta' Ġinevra, jew id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur meta ma tkun tista' tiġi stabbilita l-ebda konnessjoni bejn l-applikant u l-	(2) L-eżistenza ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur ma hijiex meħtieġa mid-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati, b'mod partikolari l-Konvenzjoni ta' Ġinevra, jew id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur meta ma tkun tista' tiġi stabbilita l-ebda konnessjoni bejn l-applikant u l-

pajjiż terz sikur ikkonċernat, diment li ftehim jew arranġament mal-pajjiż terz ikkonċernat ikun jeħtieġ l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament.	pajjiż terz sikur ikkonċernat, diment li ftehim jew arranġament ***konkluż jew mill-Unjoni Ewropea jew minn Stat Membru wieħed jew aktar*** mal-pajjiż terz ikkonċernat ikun jeħtieġ l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament.
	Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni u biex jiġu evitati prattiki diverġenti fost l-Istati Membri, jenħtieġ li jitħeġġeġ l-użu ta' ftehimiet jew arranġamenti konklużi mill-Unjoni Ewropea ma' pajjiżi terzi. Tali strumenti fil-livell tal-Unjoni jipprovdu qafas legali u proċedurali komuni għall-kooperazzjoni dwar l-ażil u l-migrazzjoni, jiżguraw il-konformità mad-dritt u l-istandards tal-Unjoni, u jsaħħu l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur.
	Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur abbażi ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat, li ***permezz tagħha jkun raġonevoli għall-applikant*** li ***jmur*** f'dak il-pajjiż ***terz***.	(3) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur abbażi ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat, ***peress*** li ***huwa raġonevoli li jiġi previst*** li ***l-applikant jista' jmur*** f'dak il-pajjiż ***u***

japplika għall-protezzjoni hemmhekk.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Sabiex tiġi ppreservata l-effettività tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur u biex tiġi żgurata applikazzjoni koerenti madwar l-Unjoni, l-Istati Membri li japplikaw dak il-kunċett jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ mir-raġunijiet kollha stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1348 qabel ma jeżaminaw applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fuq il-merti tagħha. Għalhekk jenħtieġ li jivvalutaw, b'mod komprensiv, jekk il-kundizzjonijiet relatati ma' konnessjoni, tranżitu, jew ftehim jew arranġament eżistenti mal-pajjiż terz ikkonċernat jistgħux jiġu applikati b'mod effettiv. Huwa biss meta l-ebda waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma tkun tista' tiġi applikata, jew fejn il-pajjiż terz jirrifjuta li jaċċetta jew jaċċetta mill-ġdid lill-applikant, li l-applikant għandu jingħata aċċess għall-proċedura tal-asil fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Minħabba s-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà ta' minuri mhux akkumpanjati u l-ħtieġa għal appoġġ immirat, jenħtieġ li l-kunċett ta' pajjiż terz sikur jiġi applikat għal minuri mhux akkumpanjati biss meta jkunu jistgħu jiġu stabbiliti konnessjoni jew tranżitu mal-	(5) Minħabba s-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà ta' minuri mhux akkumpanjati u l-ħtieġa għal appoġġ immirat, jenħtieġ li l-kunċett ta' pajjiż terz sikur jiġi applikat għal minuri mhux akkumpanjati biss meta jkunu jistgħu jiġu stabbiliti konnessjoni jew tranżitu mal-

pajjiż terz ikkonċernat u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw il-minuri.	pajjiż terz ikkonċernat u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ***Madankollu, meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li l-minuri mhux akkumpanjat ikun ta' theddida għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ukoll dak il-kunċett f'konformità mal-ftehimiet jew l-arranġamenti konklużi mal-pajjiż terz ikkonċernat. F'kull każ,*** jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw il-minuri.
	Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ it-trasparenza fir-rigward tal-konklużjoni mill-Istati Membri ta' ftehimiet u arranġamenti ma' pajjiżi terzi sikuri, sabiex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu appoġġati biex jistabbilixxu approċċ komprensiv dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, u biex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom lejn pajjiżi terzi biex japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Dan jippermetti wkoll il-monitoraġġ ta' jekk il-ftehimiet jew l-arranġamenti ma' pajjiżi terzi jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan jippermetti wkoll applikazzjoni aktar konsistenti u koerenti tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur madwar l-Unjoni u jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb ġenerali tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn	(6) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ it-trasparenza fir-rigward tal-konklużjoni mill-Istati Membri ta' ftehimiet u arranġamenti ma' pajjiżi terzi sikuri, sabiex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu appoġġati biex jistabbilixxu approċċ komprensiv dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, u biex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom lejn pajjiżi terzi biex japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Dan jippermetti wkoll il-monitoraġġ ta' jekk il-ftehimiet jew l-arranġamenti ma' pajjiżi terzi jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan jippermetti wkoll applikazzjoni aktar konsistenti u koerenti tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur madwar l-Unjoni u jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb ġenerali tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn

qabel il-konklużjoni ta’ ftehimiet jew arranġamenti ma’ pajjiżi terzi.	***meta jibdew in-negozjati u*** qabel il-konklużjoni ta’ ftehimiet jew arranġamenti ma’ pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ***jindirizzaw*** ir-riskju ***li l-applikanti*** li għalihom qed jiġi applikat il-kunċett ta’ pajjiż terz sikur ***jaħarbu***, inkluż billi jirrestringu l-libertà tal-moviment skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], jew billi jżommu l-applikant ikkonċernat f’detenzjoni f’konformità mal-Artikolu 10 tagħha, sabiex jivvalutaw l-ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet.	(7) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri ***kollha*** meħtieġa biex ***jiġi evitat*** ir-riskju ***ta’ ħrib tal-applikanti*** li għalihom qed jiġi applikat il-kunċett ta’ pajjiż terz sikur, inkluż billi jirrestringu l-libertà tal-moviment skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], jew billi jżommu l-applikant ikkonċernat f’detenzjoni f’konformità mal-Artikolu 10 tagħha, sabiex jivvalutaw l-ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet.
[2] Id-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Mejju 2024 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta’ applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU L, 2024/1346, 22.5.2024 , ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1346/oj).	[2] Id-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Mejju 2024 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta’ applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU L, 2024/1346, 22.5.2024 , ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1346/oj).

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza proċedurali, jenħtieġ li l-applikant ma jkollux dritt awtomatiku li jibqa’ fit-territorju ta’ Stat Membru għall-fini ta’ appell kontra d-deċiżjonijiet ta’	(8) Sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza proċedurali, jenħtieġ li l-applikant ma jkollux dritt awtomatiku li jibqa’ fit-territorju ta’ Stat Membru għall-fini ta’ appell kontra d-deċiżjonijiet ta’

inammissibbiltà meħuda abbażi tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Madankollu, l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn korrispondenti jrid jiġi sospiż matul it-terminu li fih il-persuna kkonċernata tista' teżerċita d-dritt tagħha għal rimedju effettiv quddiem qorti tal-prim'istanza ***u meta*** tali appell jiġi ppreżentat ***fejn*** ikun hemm ***riskju ta'*** ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement.	inammissibbiltà meħuda abbażi tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Madankollu, l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn korrispondenti jrid jiġi sospiż matul it-terminu li fih il-persuna kkonċernata tista' teżerċita d-dritt tagħha għal rimedju effettiv quddiem qorti tal-prim'istanza***. Fejn*** tali appell jiġi ppreżentat***, l-eżekuzzjoni tista' tiġi sospiża biss jekk*** ikun hemm ***raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li dik it-tneħħija tirriżulta fi*** ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement.
	Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) Fl-Artikolu 59(3), jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	Fil-valutazzjoni ta' jekk pajjiż terz jissodisfax il-kundizzjonijiet biex jitqies bħala pajjiż terz sikur f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jqisu jekk dak il-pajjiż huwiex inkluż f'lista tal-Unjoni jew f'lista nazzjonali ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri kif imsemmi fl-Artikolu 61 ta' dan ir-Regolament.
	Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) ikun hemm konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat***, li***	(i) ikun hemm konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat,

abbażi tagħha jkun raġonevoli għall-applikant li jivvjaġġa lejn dak il-pajjiż;;

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) ikun hemm ftehim jew arranġament mal-pajjiż terz ikkonċernat li jirrikjedi l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament.	(iii) ikun hemm ftehim jew arranġament ***konklużż mill-Unjoni jew minn Stat Membru wieħed jew aktar*** mal-pajjiż terz ikkonċernat li jirrikjedi l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu, il-punt (b), l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja. L-ewwel paragrafu, il-punt (b)(iii), ma għandux japplika fejn l-applikant ikun minuri mhux akkumpanjat.	Fl-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu, il-punt (b), l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja. L-ewwel paragrafu, il-punt (b)(iii), ma għandux japplika fejn l-applikant ikun minuri mhux akkumpanjat***, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet raġonevoli biex jitqies li l-minuri mhux akkumpanjat ikun ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku skont il-liġi nazzjonali***.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż terz sikur" hija pass f'waqtu u mmirat biex jiġi żgurat li s-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil issir kemm kredibbli kif ukoll fattibbli. Tindirizza l-inkonsistenzi li ilhom jeżistu fil-mod kif l-Istati Membri applikaw il-kunċett, u twieġeb għas-sejħiet mill-awtoritajiet nazzjonali għal aktar flessibbiltà u ċarezza legali.

Il-kunċett ta' pajjiż terz sikur jibqa' parti essenzjali mill-politika ta' protezzjoni internazzjonali. Dan jirrifletti prinċipju fundamentali: dawk li jeħtieġu protezzjoni għandhom jirċevuha, iżda mhux neċessarjament fl-Unjoni Ewropea meta jkunu jistgħu jirċievu protezzjoni effettiva f'pajjiż terz li jitqies sikur għalihom. Madankollu, matul l-aħħar għaxar snin, l-użu prattiku ta' din l-għodda ġie mxekkel mill-kumplessità proċedurali u minn interpretazzjonijiet diverġenti fost l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżit ta' "konnessjoni" bejn l-applikant u l-pajjiż terz u l-effett sospensiv awtomatiku tal-appelli. Kemm l-analiżijiet istituzzjonali kif ukoll il-valutazzjonijiet tal-esperti indipendenti jikkonkludu li l-aġġustamenti meħtieġa jistgħu jsiru mingħajr ma jiġi kompromess il-liġi internazzjonali jew tal-Unjoni.

L-ewwel titjib jikkonċerna l-kriterju tal-konnessjoni. Kif rikonoxxut mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati u kkonfermat mill-istudju akkademiku fil-qasam ġuridiku, il-liġi internazzjonali ma tirrikjedix l-eżistenza ta' rabta personali bejn applikant u l-pajjiż meqjus bħala sikur. Filwaqt li l-preżenza ta' konnessjoni tista' tiffaċilita l-kooperazzjoni prattika, din mhijiex prekundizzjoni għal-legalità. Għalhekk, il-Kummissjoni ġustament tipproponi li dan l-element isir fakultattiv, u b'hekk l-stati Membri jingħataw il-flessibbiltà li jiddeterminaw jekk u kif japplikawh, skont iċ-ċirkostanzi operazzjonali u l-eżistenza ta' oqfsa jew arranġamenti ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab.

Wieħed għandu jżomm f'moħħu wkoll li l-proposta tirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra qabel ma jikkonkludu ftehimiet jew arranġamenti ma' pajjiżi terzi sikuri, billi dan jiżgura trasparenza akbar, sensibilizzazzjoni reċiproka, u fl-aħħar mill-aħħar permezz t'hekk tissaħħaħ il-koordinazzjoni u l-koerenza tal-isforzi tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-migrazzjoni esterna.

Din il-bidla ma ddgħajjifx id-drittijiet fundamentali u lanqas ma tbaxxi l-istandards ta' protezzjoni. Għall-kuntrarju, tirrifletti r-realtà li l-"konnessjoni" spiss saret ostaklu amministrattiv aktar milli salvagwardja. Billi nżommu l-prinċipju ta' valutazzjoni individwali, inkunu qed niżguraw li kull każ xorta jiġi eżaminat biex jiġi kkonfermat li l-persuna kkonċernata tista' tirċievi protezzjoni effettiva fil-pajjiż terz, inkluż ir-rispett għan-non-refoulement u l-aċċess għal proċeduri ġusti. Dak li jinbidel mhuwiex il-livell ta' protezzjoni, iżda l-kapaċità tal-Istati Membri li japplikaw il-kunċett b'mod konsistenti u effiċjenti.

It-tieni titjib jikkonċerna l-effett sospensiv tal-appelli. Skont ir-regoli attwali, appell kontra deċiżjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq il-kunċett ta' pajjiż terz sikur jissospendi awtomatikament it-trasferiment sakemm tingħata sentenza finali. Filwaqt li din is-salvagwardja kellha l-għan li tipproteġi lill-applikanti minn kwalunkwe riskju ta' refoulement,

wasslet ukoll għal litigazzjoni fit-tul u prattika inkonsistenti madwar l-Unjoni. It-tneħħija tal-effett sospensiv awtomatiku, filwaqt li tiggarantixxi d-dritt tal-applikant li jitlob sospensjoni quddiem qorti jew tribunal, hija maħsuba biex ittemm din il-prattika. L-awtorità ġudizzjarja għandha żżomm is-setgħa li tagħti effett sospensiv fejn ikun hemm riskju kredibbli ta' refoulement jew ħsara irreparabbli oħra.
Dan l-approċċ ibbilanċjat jirrispetta bis-sħiħ l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-ġurisprudenza kemm tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-ġurisprudenza tad-drittijiet tal-bniedem tagħmilha ċara li d-dritt għal rimedju effettiv ma jirrikjedix sospensjoni awtomatika fil-każijiet kollha, iżda biss li r-rimedju jkun kapaċi jipproduċi effett sospensiv meta jkun meħtieġ. Il-proposta għalhekk tirrispetta l-protezzjoni ġudizzjarja filwaqt li terġa' tistabbilixxi l-effiċjenza proċedurali. Tipprevjeni wkoll sitwazzjonijiet ta' limbu legali li fil-passat ħallew lill-applikanti maqbudin għal xhur jew snin f'inċertezza, li mminaw il-fiduċja fis-sistemi tal-ażil u ħolqu piż amministrattiv bla bżonn għall-Istati Membri.

Hemm bżonn li l-koerenza bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn tissaħħaħ, u b'hekk tikkontribwixxi għal sistema aktar bla xkiel. Il-kjarifika u s-simplifikazzjoni tar-regoli jsaħħu l-kooperazzjoni bbażata fuq is-sħubija ma' pajjiżi terzi, filwaqt li jiżguraw li l-ftehimiet u l-arranġamenti ma' pajjiżi terzi sikuri jkunu ta' benefiċċju reċiproku, jirrispettaw il-prinċipji ta' responsabbiltà kondiviża, u jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali. Tikkomplementa l-politika usa' tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni esterna, inklużi ċentri ta' ritorn futuri u arranġamenti ta' riammissjoni mfassla apposta, fejn il-kunċett ta' protezzjoni effettiva jibqa' ċentrali.

Il-proposta tal-Kummissjoni hija fil-limiti sew tal-liġi internazzjonali u l-Konvenzjoni ta' Ġinevra. Il-proposta ma tneħħix is-salvagwardji, iżda tibbilanċja mill-ġdid il-liġi tal-UE. Diversi elementi tal-qafas attwali jmorru lil hinn mir-rekwiżiti internazzjonali ("gold-plating"), u din ir-reviżjoni tgħinna nallinjawhom mill-ġdid mal-obbligi legali attwali.

Minn perspettiva politika, dan l-abbozz ta' rapport jirrappreżenta kontribut konkret għall-implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Juri li l-Unjoni tista' taġixxi malajr biex tneħħi l-konġestjonijiet proċedurali li impedew il-funzjonament xieraq tas-sistema tal-ażil tagħha. Dan huwa preċiżament dak li politika tal-migrazzjoni soda u ġusta teħtieġ: proċeduri li jkunu rapidi u infurzabbli, iżda wkoll legalment sodi u li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali.

Irridu nsaħħu l-kredibbiltà kemm internament kif ukoll esternament. L-Istati Membri se jingħataw l-għodod li jeħtieġu biex jimmaniġġjaw l-ażil b'mod aktar effettiv filwaqt li jintbagħat messaġġ ċar li l-UE tibqa' impenjata lejn il-ħtiġijiet ta' protezzjoni u li tiżgura l-konformità mal-obbligi internazzjonali għall-protezzjoni internazzjonali, iżda li hija determinata li trażżan l-użu abbużiv li jsir mis-sistema tal-ażil u d-dewmien proċedurali twil. Dan se jippermetti wkoll kooperazzjoni aktar rapida ma' pajjiżi sħab sikuri u jħeġġeġ r-responsabbiltà kondiviża permezz ta' arranġamenti strutturati.

L-għan huwa li jingħata kontribut għall-objettiv fit-tul ta' arkitettura Ewropea sostenibbli tal-ażil mibnija fuq is-solidarjetà, il-fiduċja u l-prevedibbiltà. Għalhekk, aktar milli riforma kunċettwali, hemm bżonn ta' korrezzjoni prammatika li tiżgura li l-mekkaniżmu ta' pajjiż terz sikur jiffunzjona kif oriġinarjament maħsub, biex jipprovdi eżiti rapidi, ġusti u legali għall-partijiet kollha involuti.

Dan mhuwiex tnaqqis fl-istandards, iżda konferma tal-kapaċità tal-Ewropa li tgħaqqad il-prinċipji mal-prattiċità. Sistema tal-ażil kredibbli u li tiffunzjona hija indispensabbli biex tinżamm il-fiduċja pubblika u s-solidarjetà fost l-Istati Membri. Ir-riforma tal-pajjiżi terzi sikuri tirrappreżenta pass konkret lejn dak l-għan u sinjal ċar li l-Unjoni Ewropea hija kapaċi tipproteġi l-fruntieri tagħha, iżżomm il-valuri tagħha, u tikseb ir-riżultati.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-rapporteur tqis li l-proposta tal-Kummissjoni tirrikjedi biss irfinar immirat biex jiġu żgurati ċarezza legali sħiħa u koerenza operazzjonali.

Meta jivvalutaw jekk pajjiż terz għandux jikkwalifika bħala pajjiż terz sikur, l-Istati Membri jistgħu jqisu jekk dak il-pajjiż huwiex diġà elenkat bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni jew f'livell nazzjonali. Dan jista' jservi bħala indikatur tal-istabbiltà ġenerali tal-pajjiż u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż.

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u effettiva tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur, l-Istati Membri l-ewwel għandhom jikkunsidraw ir-raġunijiet kollha disponibbli – bħall-konnessjoni, it-tranżitu jew arranġament eżistenti – qabel ma jeżaminaw talba għall-ażil fuq il-merti tagħha. Huwa biss jekk ma tapplika l-ebda waħda minn dawn il-kundizzjonijiet li l-proċedura tkompli fl-Unjoni.

Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-liġi tal-Unjoni u biex jiġu evitati prattiki diverġenti, għandu jiġi mħeġġeġ l-użu ta' ftehimiet jew arranġamenti fil-livell tal-UE ma' pajjiżi terzi, peress li dawn jipprovdu qafas komuni, jirrispettaw l-istandards tal-Unjoni, u jsaħħu l-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri.

Il-minuri mhux akkumpanjati huma eżentati mill-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur fejn dan jiġi applikat abbażi ta' ftehim jew arranġament ma' pajjiż terz sikur. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jitħallew japplikaw il-kunċett f'każijiet bħal dawn fejn ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex jitqies li l-minuri jikkostitwixxi periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku. Dan iżomm bilanċ bejn il-protezzjoni u s-sigurtà, kif ukoll jiżgura l-koerenza mar-regoli eżistenti fir-rigward tal-proċedura fuq il-fruntiera.

Minħabba li r-riskji mhux ikkontrollati ta' ħarba jimminaw l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjenu tali ħarba.

Fl-aħħar nett, qed jiġi propost li r-regoli dwar l-effett sospensiv jiġu rfinati billi jiġi ċċarat li l-infurzar jista' jiġi sospiż biss meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li t-tneħħija tikser il-prinċipju ta' non-refoulement. Dan jiżgura rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali filwaqt li jevita dewmien proċedurali bla bżonn.

Ir-rapporteur tilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni u tappoġġja l-adozzjoni rapida tagħha, bi kjarifiki limitati mmirati lejn it-tisħiħ taċ-ċertezza legali u t-trasparenza. Billi juri flessibbiltà fir-rigward tal-kriterju ta' konnessjoni u billi japprova r-regoli riveduti dwar l-effett sospensiv, il-Parlament Ewropew jista' jikkontribwixxi għat-tlestija ta' qafas koerenti li jissodisfa kemm ir-rekwiżiti ta' protezzjoni kif ukoll dawk ta' effiċjenza.